MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 323/2006

Kawza fil-lista: 30

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru tas-sena 1979, u cioe’ ftit zmien wara li saru jafu li l-intimata kienet tqila.

Peress illi dan iz-zwieg gie skritt fir-registru tar-Registru Pubbliku bhala Zwieg Numru 1875/1979;

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat ghax kien soggett ghal vjolenza morali jew biza';

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat ukoll b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom;

Peress illi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fid-disgha u ghoxrin (29)ta' Settembru tas-sena 1979, bhala null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi u tati kull provvediment opportun sabiex id-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita' ta' l-Att taz-Zwieg numru 1875/1979.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha rrispondiet li hi taderixxi ruhha mat-talba, izda m' ghandhiex tbati spejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kkuntrattat fid-29 ta' Settembru 1979 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien

vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta' Settembru 1979, meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 20 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sena, u wara li l-konvenuta kienet harget tqila. Sussegwentement twieldet it-tarbija fis-6 ta' Marzu 1980, u wara konvivenza matrimonjali ta' certu zmien, il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twieldux aktar tfal.

Illi l-attur jispjega li wara xi ftit xhur li kienu ilhom johorgu flimkien, il-konvenuta inqabdet tqila. Fi kliemu: "Meta C indunat [li kienet tqila] qisa waqghet id-dinja ghat-tnejn li ahna, ghal C izjed. Ma ridniex nghidu lil genituri rispettivi taghna b' dak li gara u ghalhekk immedjatament iddecidejna li nizzewwgu." Huwa jispjega li "dak in-nhar kull ma ridt kien li nehles mill-inkwiet. Ideja u obbligi ta' zwieg ma kellniex, pero' ridna li kollox jigi regolarizzat, u jibqa' mistur kemm jista' jkun malajr."

L-attur jghid li, ghalkemm huma kienu ddecidew li jizzewwgu biex "kollox jigi regolarizzat", huma dahhlu fiz-zwieg fl-ideja li ma riedux aktar tfal. L-attur jghid li "jiena kont inqis dik ir-relazzjoni semplicement sabiex jikber it-tifel. Dan kien l-istess hsieb ta' Mary." L-attur jghid li ma riedux aktar tfal, u ghalhekk l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzjoni biex ma jkunx miftuh ghat-tfal.

Il-konvenuta tghid li kienu ddecidew li jizzewwgu "peress li kont tqila, u ma konniex hsibna fil-konsegwenzi tad-decizjoni taghna, kif ukoll dwar l-obbligi u d-dmirijiet taz-zwieg."

Il-konvenuta tilmenta mill-fatt li mill-bidu nett taz-zwieg il-problemi matrimonjali bdew mill-ewwel. Hija tilmenta mill-fatt li l-attur kien "johrog mal-hbieb, u jigi d-dar fis-sakra, jien id-dar bil-baby, il-baby jibki, u ma nafx x' ser naqbad naghmel. I don't think that he was ready for marriage." Dawn ic-cirkostanzi u l-imgieba ta' l-attur kienu ffortifikaw

il-hsieb taghha li ma jkollhiex aktar tfal f' dan iz-zwieg; u eventwalment il-komportament irresponsabbli u egojist da parti ta' l-attur matul il-konvivenza matrimonjali wasslet lill-konvenuta ghas-separazzjoni personali.

Illi rigward tfal ohra fiz-zwieg, il-konvenuta ma tikkonfermax li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, hi kienet eskludiet li jkollha tfal fiz-zwieg, izda qalet li wara z-zwieg “ma xtaqtx jkollna aktar tfal peress li ma konniex f' pozizzjoni finanzjarja li jkollna aktar minn wild wiehed.” Sussegwentement in vista tal-komportament irresponsabbli da parti ta' l-attur fiz-zwieg hija ddecidiet li ma jkollhiex aktar tfal fis-sitwazzjoni matrimonjali taghhom li kienet afflitta minn problemi serji rizultat tal-komportament ta' l-attur. Fi kliemha: “[ma riedtx aktar tfal] minhabba s-sitwazzjoni kif kienet, minhabba s-sitwazzjoni ta' zwieg, sitwazzjoni finanzjarja wkoll…..[omissis]… u jekk ikolli aktar tfal ser nkompli nitghabba bir-responsabbilita' jien.”

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li f' dan il-kaz il-partijiet ma kienux preparati ghaz-zwieg u kienu dahhlu f' dan l-impenn daqshekk oneruz unikament sabiex jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom dwar it-tarbija koncepita qabel iz-zwieg. Di fatti l-attur jammetti li hu kien iqis dik ir-relazzjoni “semplicement sabiex jikber it-tifel.” u l-komportament irresponsabbli tieghu fil-hajja matrimonjali, mill-bidunett taz-zwieg, huwa evidenza tal-fatt li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar id-dmirijiet tal-hajja konjugali. Huwa zzewweg, u fl-istess hin, ma fehemx li ma jista' jibqa' jghix il-hajja ta' guvni, u jfarfar ir-responsabbilita' matrimonjali kollha minn fuq spaltu, u jitfaghha kompletament fuq martu li apparti mill-fatt li kienet tahdem, kienet tiehu kura tat-tarbija taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 unikament tort ta' l-istess attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Settembru 1979. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------